# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

### Illum il-Ġimgħa, 12 ta' Ottubru 2018

**Kawża Nru: 14**

**Ċitazzjoni Nru: 1323 / 02 JA**

**Maria Muscat**

**vs**

**Bastjan Muscat, John Muscat, Maria Grazzia mart Alfred Borg u b'digriet tas-6 t'Ottubru 2004, l-Av. Vincent Galea u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud ġew nominati bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Joseph Muscat**

## Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata mill-attriċi fit-22 ta' Novembru 2002 li permezz tagħha ġie premess:

Illi l-attriċi hija t-tieni mara tad-defunt Michele Muscat, li miet fl-20 ta' Marzu 1998;

Illi miż-żwieġ preċedenti tiegħu mad-defunta Maria nee Fenech, id-defunt Michele Muscat kellu erbat (4) itfal, il-konvenuti fil-kawża odjerna; u

Illi l-wirt tad-defunt Michele Muscat jikkonsisti f'diversi beni immobbi, kif ukoll kirjiet gravanti diversi beni immobbli li jinsabu ġewwa Ħal-Qormi u f'Birzebbugia, u mikrija lil terzi, kif ukoll oġġetti oħra kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Illi għalkemm l-attriċi hija ntitolata għall-użufrutt tan-nofs il-beni ta' żewġha, hija mhix qed tirċievi l-porzjon riservat lilha mil-liġi, iżda kwalunkwe introjtu qed jiġi perċepit u miżmum mill-konvenuti; u

Illi għalkemm il-konvenuti ġew interpellati diversi drabi sabiex jivversaw is-sehem dovut lill-attriċi bħala użufrutt, huma baqgħu inadempjenti.

Jgħidu għalhekk il-konvenuti għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara li l-attriċi hija użufruttwarja tad-defunt żewġha Michele Muscat;

2. Tistabbilixxi u tillikwida l-assi ereditarji tad-defunt Michele Muscat li huma soġġetti għall-użufrutt li hija ntitolata għalih l-attriċi;

3. Tiddikjara li l-attriċi ma rċeviet l-ebda ammont dovut lilha bħala użufrutt gravanti l-assi ereditarji tad-defunt Michele Muscat, u dan minn meta miet l-istess Michele Muscat;

4. Tiddikjara li l-konvenuti rċevew ħlasijiet li mhumiex dovuti lilhom, konsistenti fil-porzjon dovut lill-attriċi bħala użufrutt fuq il-beni tal-mejjet Michele Muscat;

5. Tillikwida l-użufrutt dovut lill-attriċi, u okkorrendo tinnomina periti għall-iskop tal-imsemmija likwidazzjoni;

6. Tordna lill-konvenuti jħallsu dak l-ammont li jiġi likwidat, rappreżenanti s-sehem dovut lill-attriċi bħala użufrutt gravanti l-beni ereditarji, tad-defunt Michele Muscat.

Bl-ispejjeż, inkluż tal-ittri interpellatorji datati 28 ta' Mejju 2002 u 29 t'Awissu 2001, u imgħaxijiet legali kontra l-konvenuti nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti ppreżentata fit-12 ta' Diċembru 2005 li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi fl-ewwel lok, l-attriċi trid tindika taħt liema dispożizzjonijiet tal-liġi qed tesperixxi l-azzjoni abbażi tad-dritt minnha pretiż fiċ-Ċitazzjoni; u fin-nuqqas l-eċċepjenti għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju u kif ukoll l-entita' tal-proprjeta' li skont hi huwa kolpit mill-użufrutt minnha pretiż;

2. Illi *di piu'* l-istess attriċi trid tipprova li qabel ma istitwiet il-kawża odjerna ħallset it-taxxa tas-suċċessjoni sa fejn jirrigwardja l-użufrutt minnha pretiż, fin-nuqqas l-azzjoni ma hix sostenibbli u allura anke hawn l-eċċepjenti għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

3. Illi *dato ma non concesso* li jiġu miċħuda l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet, l-attriċi ma jistħoqqilhiex li teżerċita dan l-

użufrutt, u dan għal raġunijiet imsemmija fl-**art. 605(1)(d)** tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u dan kif ser jiġi ppruvat fil-kors tal-kawża u kwindi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda;

4. Illi subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju għas-sueċċepit, l-użufrutt in kwistjoni ma għandux jiġi eżerċitat qabel ma l-attriċi tgħaddi għall-formazzjoni tal-inventarju rikjest mill-**artikolu 350** tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'dan is-sens anke l-kawża hija intempestiva u kwindi l-konvenuti għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

5. Illi subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, għas-sueċċepit fi kwalunke każ, din l-Onorabbli Qorti għandha dejjem tordna, jekk ikun il-każ, li l-attriċi m'għandhiex tgħaddi għall-eżerċizzju tal-imsemmi użufrutt qabel ma tifformula l-inventarju msemmi fl-artikolu tal-liġi fuq imsemmi;

6. Illi subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju għas-sueċċepit, l-użufrutt li talvolta jista' jkollha għaliha l-attriċi għandu jkun limitat fuq in-nofs tan-nofs u ċjoe' l-kwart u mhux fuq l-intier kemm ta' mobbli u immobbli li akkwista d-*decujus* Michele Muscat fiż-żwieġ mal-ewwel mara. Illi *di piu'* tali użufrutt ma jikkolpixxix l-immobbli mħollija b'legati permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Joseph Vassallo Agius tal-15 ta' Marzu 1998, favur Maria Victoria Borg u Christian Samuel Borg, li jekk ikun il-każ l-eċċepjenti qegħdin minn issa jirriservaw id-dritt li jikkjamawhom fil-kawża *stante* li l-istess attriċi fiċ-ċitazzjoni ma hix l-entita' tal-proprjeta' li skont hi huwa koplit mill-użufrutt minnha pretiż;

7. Illi jiġi dikjarat li kwantu dak li qiegħda titlob l-attriċi fit-talbiet minn numru erba’ sa numru sitta taċ-ċitazzjoni attriċi jiġi eċċepit is-segwenti u ċjoe’:

(a) Illi sal-lum l-eccipjenti ma rċevew ebda ħlasijiet u dan kif ser jiġi ppruvat fil-kors tal-kawża, jew jekk kien hemm xi ħlas kien wieħed minimu.

(b) Illi fi kwalunkwe każ, l-attriċi ma tistax tagħmel tali talba favur li hi ntitolata li tirċievi sehemha mill-użufrutt qabel ma hi tkun għaddiet għall-formazzjoni tal-inventarju fuq imsemmi;

(c) *Dato ma non concesso* li saru xi ħlasijiet uħud minnhom huma preskritti *ai termini* tal-**artikolu 2156(f)** tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

8. Illi għall-bqija t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

9. Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat in nota tal-eċċezzjonijiet tal-kuraturi deputati ppreżentata fl-20 ta’ Diċembru 2004 li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi huma mhumiex edotti mill-fatti tal-każ u għalhekk jirriservaw minn issa d-dritt tagħhom li jressqu dawk l-eċċezzjonijiet opportuni fi stadju ulterjuri.

2. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Sallum, il-kuraturi ma ressqu ebda eċċezzjoni ulterjuri.[1]

Rat id-digriet tagħha tad-19 t'April 2010 li permezz tiegħu nnominat lil Dr Phyllis Aquilina bħala perit legali biex tirrelata dwar it-talbiet attriċi wara li tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet relattivi;

Rat ir-rapport tal-perit legali msemmija u semgħet l-eskussjoni tagħha;

Rat l-verbal tas-seduta tat-13 ta' Ġunju 2018 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi l-provi f'din il-kawża nstemgħu quddiem l-imsemmija perit legali u ġew riassunti b'dan il-mod:

L-**attriċi** Maria Muscat xehdet l-ewwel darba fis-26 ta' Novembru 2008.[2]

Hija ddikjarat li kienet iżżewġet lil Mikiel Muscat, li miet fl-20 ta' Marzu 1998, u kellu erbat itfal, ossia l-konvenut. Skont l-attriċi, it-testment tiegħu kien jgħid li hi kellha kulma kellu jmiss lilu, ċjoe' ħames partijiet minn tmienja ($^5/_8$) f'użufrutt.

10. L-attriċi xehdet ukoll li żewġha ħalla s-segwenti proprjeta' immobbli:

(a) fond magħruf bħala t-'Torri', bl-indirizz 6, Noqra Lane, Birzebbugia, mikri lil Mary Bonnici bil-kera ta' LM20 li qatt ma għaddiet għandha;

[1] B'ittra tal-20 ta' Diċembru 2004, Dr. Vincent Galea talab informazzjoni sħiħa dwar l-assenti lid-difensur tal-attriċi ta' dak iż-żmien, fol. 24
[2] Ara Seduta numru 4 quddiem Dr. Francesco Depasquale

(b) ħanut u sala fi Triq San Bastjan, Qormi: (i) is-sala l-konvenut Bastjan Muscat krieha lil Dr. George Hyzler biex iniffidha mal-każin tal-Partit Nazzjonalista, f'Ħal-Qormi, bil-kera ta' LM2000 fl-ewwel sena u mbagħad LM1,500 kull sena għal sentejn. Skont l-attriċi, meta fl-2002 kitbitlu għal sehemha mill-kera, għalaq is-sala u l-ħanut, għalkemm tgħid li, meta xehdet, kienet għadha tara l-kaxxi tal-minerali barra l-bieb tas-sala; (ii) il-ħanut kien mikri LM5 kuljum f'ħajjet żewġha, imbagħad il-konvenuti Grace u Bastjan heddew lill-inkwilin (Arrigo taż-żraben) biex joħroġ, u ħareġ, u żewġha krieh mill-ġdid biż-LM2 kuljum, u kull tlett xhur il-kera tiżdied b'LM5. Skont hi, il-konvenut Bastjan Muscat għalqu meta hija talbet il-ħlas tal-użufrutt fl-2002.[3] L-attriċi kompliet tgħid li għall-ħabta tal-1999, Bastjan Muscat kera dan il-ħanut b'LM6 lil David Vella, li okkupah għal xi żmien, u wara daħlet fih ċerta Bonnici, bin-negozju tax-xorb u hi semgħet li hija wkoll kienet thallas kera ta' LM6 kuljum. Din damet fih għal xi sena. Skont l-attriċi, dakinhar ta' din ix-xhieda, il-ħanut kien għadu mikri bħala ħanut tax-xorb pero' ma ndikatx min kien l-inkwilin.

(c) dar fi Triq San Bartilmew, Qormi, li r-raġel tal-konvenuta Grace Borg kien waqqagħlha s-soqfa, biegħ ix-xorok tal-qasba li kien hemm u ħalliha bla saqaf.

11. L-attriċi ddikjarat li ħlas tal-użufrutt irceviet darba biss, ta' LM210, u kien għaddihulha l-konvenut Bastjan Muscat.

12. L-attriċi kompliet tgħid li l-konvenut Bastjan Muscat kien ħadha għand Nutar, biex tieħu ġurament kif ried hu li missieru ma kienx f'sikktu meta għamel it-testment, u hi għamlet kif qallha

[3] Fit-traskrizzjoni tax-xhieda tal-attriċi hemm indikat li hija ppreżentat żewġ ritratti – Doki. 'MM1' u 'MM2', li pero' qatt ma għaddew fil-pussess tal-esponenti

minkejja li ma kinetx il-verita' għaliex kienet tibża' minnu. Skont hi, dan il-konvenut għamlu biex jaqla' lil oħtu Grace Borg.[4]

13. L-ewwel xhud prodott mill-attriċi kien il-**konvenut Bastjan Muscat**, iben żewġha Mikiel Muscat u hu l-konvenuti l-oħra.

Fl-udjenza tas-17 ta' Novembru 2006 quddiem il-Perit Legali Dr. Francesco Depasquale, Bastjan Muscat iddikjara li missieru kien ħalla testment, u wiegħed li jippreżenta kopja tiegħu, li pero' baqgħet ma ġietx preżentata.

Dwar proprjetajiet immobbli ta' missieru, Bastjan Muscat qal li missieru ħalla tlett proprjetajiet, tnejn f'Ħal-Qormi, wieħed kummerċjali u ieħor le, u t-tielet wieħed f'Birzebbugia. Fuq il-post kummerċjali, qal li dan kien jikrih missieru, u li l-kiri tiegħu waqaf fl-aħħar t'Ottubru 2006.

Skont Bastjan Muscat, missieru la ħalla flus u lanqas investimenti; filwaqt li t-taxxa tas-suċċessjoni tiegħu ma tħallsitx, u hemm dovuti l-penalitajiet fuqha. Huwa ddikjara li kien ser jippreżenta l-kuntratti tal-akkwisti tal-proprjetajiet, kuntratti tal-kiri tal-ħanut, u kuntratti oħra relatati, u r-riċerki testamentarji ta' missieru.[5] Dawn id-dokumenti pero' baqgħu qatt ma ġew preżentati.

14. L-attriċi produċiet ukoll b'xhud tagħha lil **Dr. George Hyzler**.[6] Huwa qal li, qabel l-elezzjoni tal-2003, kien irranġa mal-konvenut Bastjan Muscat biex juża s-sala ta' missieru u jniffidha mal-uffiċċju politiku tal-familja. Qal ukoll li fittex dokumentazzjoni dwar dan l-arranġament, u l-ħlasijiet li għadda lil dan il-konvenut pero' ma sab xejn, u lanqas jiftakar x'ammonti

[4] Fit-traskrizzjoni tax-xhieda tal-attriċi hemm indikat li l-attriċi ppreżentat sitt dokumenti oħra konnessi mas-suċċessjoni ta' żewġha, u t-talbiet tagħha għat-tgawdija tal-użufrutt – Doki. 'MM3' sa 'MM8' – li pero' qatt ma għaddew fil-pussess tal-esponenti
[5] Ma jidhirx mill-atti li dawn id-dokumenti qatt ġew preżentati
[6] Ara verbal tal-udjenza numru 5 miżmuma quddiem l-esponenti fit-3 ta' Diċembru 2010

tħallsu għalex kienet teħodlu ħsieb ċerta Marisa Agius, illum mejta.

Wara dik l-elezzjoni, il-konvenut Bastjan Muscat talab li jieħu lura s-sala, u probabbilment talab ħlas, pero' anke hawn ix-xhud ma ftakarx dettalji u ammonti.

Ix-xhud ma ftakarx li qatt irċieva l-ittra legali datata 24 ta' Lulju 2002 mibgħuta minn Dr. Anglu Farrugia f'isem l-attriċi,[7] anke għaliex dakinhar li ntbagħtet kien ilu snin nieqes mill-indirizz fejn ġiet mibgħuta.

15. In kontroeżami[8], Dr. George Hyzler qal li s-sala ma kienx irritornaha kif ħadha, għaliex kellha bieb miftuħ bejn il-kmamar, u lanqas żebagħha qabel irritornaha. Huwa pero' ma kienx f'qagħda jikkonferma jekk il-ħlas li għadda lill-konvenut Bastjan Muscat meta tah lura s-sala kienx prezz ta' xogħlijiet.

16. Xehdet ukoll il-**konvenuta Maria Grazzia Borg**, prodotta mill-attriċi.[9]

Dwar proprjeta' immobbli li kellu missierha, hija qalet li kellu d-dar fejn trabbew mal-ġenituri ta' missierha fi Fremont Street, Qormi, li missierha biegħha kif iżżewweġ lill-attriċi. Kellu ħanut fi Triq San Bastjan, Qormi, li kien mikri u missierha jieħu l-kera. Kellu post 6, Noqra Lane, Birzebbugia li wkoll kien mikri, u l-kera kien jiġi depożitat il-Qorti. Kellu wkoll post ieħor, wara l-ħanut, li kien antik u vojt, jinfed mal-ħanut, u bi tlett bibien, b'entratura fi Triq San Bartilmew, Qormi.

Fuq il-kera li kien jirċievi missierha, hija qalet li meta żżewweġ lill-attriċi, kien jieħu renta ta' LM5 kuljum mill-ħanut fi Triq San

---

[7] Dok. 'GĦ1'
[8] Ara verbal tas-seduta numru 21 miżmuma quddiem l-esponenti fl-20 ta' Frar 2015
[9] Ibid.

Bastjan, u mbagħad din naqset għal LM2 kuljum; LM20 fis-sena mill-post ta' Birzebbugia, pero' qalet li ma tafx x'renta kien hemm fuq is-sala.

17. L-attriċi reġgħet produċiet b'xhud tagħha quddiem l-esponenti lill-**konvenut Bastjan Muscat**.[10]

18. Mistoqsi jekk l-attriċi qattx ingħatalha l-użufrutt li ħallielha missieru, hu wieġeb li missieru ma ħallielha l-ebda użufrutt.

19. Mistoqsi għal darb'oħra xi proprjetajiet kellu missieru, ix-xhud elenka s-segwenti proprjetajiet:

(1) il-post 64, Fremont Street, Qormi, li kien id-dar ta' residenza ta' ommi u missieru u fejn trabbew l-aħwa;

(2) garaxx ossia maħżen f'Constitution Street, Qormi, fejn kienu jaħdmu l-inbid;

(3) dar Graziella House, Fontanier Street, Qormi, li tiġi wara d-dar ta' Fremont Street;

(4) ħanut 103A u 103B, Triq San Bastjan, Qormi, li jiġu fuq xulxin b'aċċessi indipendenti;

(5) mezzanin bla saqaf, b'bieb biss fi Triq San Bartilmew, Qormi, possibbilment bin-numru 104;

(6) żewġ fondi ossia torri antik, bin-numri 6 u 7, Noqra Lane, Birzebbugia.

Skont il-konvenut, dawn il-proprjetajiet kollha missieru akkwistahom fiż-żwieġ tiegħu ma' ommu.

---

[10] Ara verbal tal-udjenza numru 6 miżmuma mill-esponenti fil-25 ta' Jannar 2011

20. Dwar il-fondi 103A u 103B, fi Triq San Bastjan, Qormi, kantuniera ma' Triq San Bartilmew, Bastjan Muscat qal li missieru kien kera l-ħanut ta' isfel bħala *bar* bi skop kummerċjali minn wara l-mewt t'ommu, għall-ħabta tal-1980.

Bastjan Muscat iddikjara li ommu mietet fis-26 ta' Settembru 1979 u missieru fl-20 ta' Marzu 1998.

21. Skont ix-xhud, l-ewwel kera li tħallset wara li miet missieru, xi tlett xhur kera, fir-rigward tal-ħanut imsemmi, kien tahom lill-attriċi, u wara dan, l-inkwilin beda jiddepożita l-kera l-Qorti. Dwar dan, pero', Bastjan Muscat ma pproduċa ebda prova. Jgħid li dan l-inkwilin kien ċertu Martin Cachia, li fl-istess ħin kien qed jikri l-fond lil ħaddieħor. Il-konvenut iddikjara li ma rċieva ebda kera aktar mingħandu. Skont il-konvenut, xi żmien wara, dawn iż-żewġ fondi ġew f'idejn l-aħwa Muscat konvenuti f'din il-kawża, u hu għamel ħafna spejjeż fih. Meta l-fond kien mikri lil Martin Cachia, il-kera kienet ta' LM2 kuljum. Kompla jgħid li, għall-ħabta tas-sena 2000, hu akkwista l-kirja mingħand is-subinkwilin ta' Martin Cachia, u wiegħed li jgħid x'kien il-prezz li ħallas għal dan l-akkwist.[11] Lanqas dan il-prezz ma ġie ndikat fil-kors tal-provi.

Il-konvenut Bastjan Muscat xehed ukoll li, meta kien għadu ħaj missieru, kellu ftehim ma' Dr. George Hyzler, li kien it-tabib tagħhom, dwar dan il-fond, biex dan jitniffed mal-każin tal-Partit Nazzjonalista. Qal li kien hu li ta ċ-ċwievet lil Dr. Hyzler, u ddikjara li qatt ma rċieva kera mingħandu, għaliex il-ħlasijiet li rċieva saru biex jagħmlu tajjeb għall-ħsarat li ħallew meta rritornaw is-sala, fosthom ħsarat strutturali. Huwa wiegħed li jgħid ukoll x'ammont kien irċieva f'dak ir-rigward.[12]

[11] Din l-informazzjoni pero' baqgħet qatt ma ngħatat quddiem l-esponenti mill-konvenut Bastjan Muscat
[12] Lanqas din l-informazzjoni ma ngħatat fis-seduti miżmuma mill-esponenti

22. Dwar is-sala, ix-xhud spjega li din kienet tniffdet mal-każin tal-Partit Nazzjonalista, u b'hekk ġiet li l-fondi 103A u 103B fi Triq San Bastjan inqasmu. Din is-sala għandha bieb għaliha.

Il-konvenut Bastjan Muscat insista li, xi żmien qabel ir-*referendum*, Dr. Hyzler (l-avukat) kien tahom lura din is-sala u dak iż-żmien ingħalaq l-aċċess minnha għall-każin.

23. Il-konvenut qal li missieru ma kellu xejn aktar mikri, ħlief il-post ta' Birzebbugia li kien mikri LM20 fis-sena. Huwa qal li, wara l-mewt ta' missieru, l-inkwilina bdiet tiddepożita l-kera l-Qorti.

24. L-attriċi produċiet ukoll b'xhud tagħha lill-**konvenut John Muscat**[13].

25. Il-konvenut John Muscat iddikjara li, sa fejn jaf hu, wara li miet missieru, il-ġid li ħalla beda jamministrah il-konvenut Bastjan Muscat. Qal li darba talbu jmur miegħu biex jikri r-*restaurant* ta' missieru, lil Dr. George Hyzler, l-avukat. Qal li, f'dik l-okkażjoni, għamlu flimkien l-iskrittura tal-kirja tal-parti ta' fuq tar-*restaurant*, li kienet sala u kienet imniffda mal-każin tan-Nazzjonalisti f'Ħal-Qormi. Meta saret il-kirja kienet għadha mhix imniffda. Qal li hu kien involut f'din il-kirja biss u mhux f'affarijiet oħra dwar il-wirt ta' missieru.

26. Dwar l-okkażjoni li fiha saret dik il-kirja, ix-xhud qal li Dr. George Hyzler l-avukat għadda quddiemu ċekk ta' LM1,000 lill-konvenut Bastjan Muscat, u ċekk ieħor ta' LM1,000 li kellu jgħaddi għand ix-xhud pero' ħadu wkoll il-konvenut Bastjan Muscat, u hu ma ħa xejn. Skont ix-xhud, dakinhar iffirmaw karta ż-żewġ aħwa Muscat preżenti, Dr. George Hyzler il-missier u Dr. George Hyzler l-avukat. Għalkemm din il-karta ma sabhiex, il-

[13] Ara verbal tal-udjenza numru 8 miżmuma mill-esponenti fil-15 ta' April 2011

konvenut John Muscat qal li l-kirja kienet għal żmien tlieta jew erba' snin u l-kera kien ta' LM4 kuljum. Dwar kemm fil-fatt damet il-kirja, ix-xhud qal li ma kellux tagħrif, anke għaliex kull darba li staqsa lil ħuh dwarha, Bastjan Muscat dejjem qallu li Dr. Hyzler ma hallsux kera, mentri Dr. George Hyzler kien qallu li kien qed iħallsu.

27. Il-konvenut John Muscat qal li, wara l-mewt tal-missier u qabel krewh lil Dr. Hyzler, dan il-post kien mikri bħala ħanut tad-*detergents* pero' ma kienx irnexxielu jiġbor tagħrif dwar min kien hemm fih. Aktar tard fix-xhieda tiegħu, John Muscat ikkoreġa ruħu u ddikjara li din il-kirja kienet tirrigwardja l-ħanut fis-sular ta' isfel, mhux is-sala ta' fuq.

28. Fuq il-post 64, Fremont Street, Qormi, ix-xhud qal li missieru kien biegħu wara li żżewweġ lill-attriċi, u mar joqgħod magħha l-Imqabba. Kien biegħ ukoll il-maħżen li kellu Ħal-Qormi.

29. Dwar il-fond 'Graziella House', Fontanier Street, Qormi, il-konvenut John Muscat qal li din inbniet fuq *plot* li kien applika għaliha missieru. Qal li missieru kien applika għal żewġ *plots,* waħda għalih u l-oħra għal oħtu Maria Grazzia Borg. Qal li hu ma kellux biex jibniha u telaqha, filwaqt li oħtu bnietha, għexet fiha u mbagħat biegħetha. Dan kollu ġara qabel ma miet il-missier, meta kien ġja miżżewweġ lill-attriċi.

30. John Muscat kompla jgħid li, snin qabel, wara li ħuh Bastjan Muscat kien qallu li Dr. Hyzler kien ħareġ mill-post, inzerta għaddej minn hemm u ra ħaddiema jaħdmu fih. Meta staqsa lil wieħed minnhom, ċertu Alfred Bonnici, x'kien qed jagħmel hemm, dan qallu li l-post kien krieh it-tifel tiegħu.

31. Ix-xhud iddikjara fl-aħħarnett li l-mezzanin fi Triq San Bartilmew, Qormi, baqa' vojt. Huwa ċaħad li qatt irċieva ittri mingħand Dr. Anglu Farrugia għan-nom tal-attriċi.

32. In kontro-eżami[14], John Muscat ma eskludiex li s-somma ta' LM1,000 li qal li ra lil Dr. Hyzler jgħaddi lil ħuh kienet għall-ispejjeż li saru jew kellhom isiru fis-sala.

Huwa nsista li ma kienx involut fin-negozjati, pero' qal li sa fejn jaf hu, ħuh Bastjan Muscat kien silef is-sala lil Dr. Hyzler għal użu politiku, mingħajr ħlas. Fi kliemu, *"jien kont mingħalija li hija lil Hyzler kien krielu l-post bil-flus, pero' wara ħija kien qalli li kien tahulhom mingħajr ħlas"*.[15]

33. In ri-eżami, il-konvenut John Muscat qal li, kif ġja' kien qal qabel f'din il-kawża, huwa jaf li biż-żewġ ċekkijiet li ħa ħuh fil-preżenza tiegħu, ta' LM1,000 -il wieħed, dan ħallas l-ispejjeż tad-WC u l-kamra tal-banju kompluta. Huwa qal li lil ħuh qatt ma talbu rendikont għaliex dejjem ħalla f'idejh, anke meta ħadlu ċ-ċekk minn idejh. Qal ukoll li, fil-preżenza tiegħu, ħuh qatt ma għadda flus lil oħthom Grace Borg. Huwa spiċċa jgħid li għandu 68 sena u qatt ma għamel xejn dwar dan kollu.

34. L-attriċi reġgħet produċiet b'xhud tagħha lill-**konvenuta Maria Grazzia Borg**,[16] li żiedet tgħid li hija qatt ma ħadet xejn mill-wirt ta' missierha, u li d-dar 'Graziella House' ħadmet għaliha mindu kellha 8 snin sakemm għalqet 26 sena, meta kienet taħdem ma' missierha fin-negozju tal-inbid.

Dwar il-kirja tas-sala, hija ċaħdet li qatt ħadet flus tal-kera, għalkemm qalet li darba, waqt funeral tal-familja, ħuha Bastjan Muscat urieha *envelope* li qallha li kien fih il-flus tal-kera tagħha.

[14] Ara verbal tas-seduta numru 22 miżmuma quddiem l-esponenti fil-21 ta' April 2015
[15] Ibid.
[16] Ibid.

Il-fond ta' taħt is-sala tiftakru mikri bħala ħanut tad-*dvds*, filwaqt li qalet li ma tafx jekk kinetx qed titħallas il-kera tal-fond ta' Birzebbugia.

Dwar il-fond fi Triq San Bartilmew, ix-xhud qalet li missierha kien qabbad lil żewġha jwaqqagħhulu.

35. L-**attriċi Maria Muscat** kompliet tixhed quddiem l-esponenti fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2011[17].

36. Dwar il-kirja tas-sala, hija żiedet tgħid li, wara li miet żewġha, kienet iċċempel lill-avukat Dr. George Hyzler qisu darba fix-xahar biex tara x'kien qed jiġri minn dan il-fond. Hija ddikjarat li *"Dr. Hyzler kien qalli li l-konvenut Bastjan Muscat kien krielu s-sala, biex iniffidha mal-każin tan-Nazzjonalisti, b'LM1,500 fis-sena. Qalli wkoll li tal-ewwel sena kien għaddhielu LM2,000 kera. Hyzler kien qalli li din il-kirja baqgħet għaddejja għal tlett snin, u li f'dawn it-tlett snin Bastjan Muscat irċieva mingħand Dr. George Hyzler total ta' LM5,000 kera."* Qalet li, minħabba f'hekk, kienet qabbdet lill-avukat Anglu Farrugia biex jikteb lil Dr. George Hyzler u lil Martin Cachia, biex jgħaddulha sehemha mill-kera, u ppreżentat kopja tal-ittra legali relattiva. Qalet li, fl-istess żmien, is-sala u l-ħanut ma baqgħux jintużaw.

L-attriċi xehdet li kienet anke ċċempel lil Martin Cachia, li nfurmaha li kien qed jiddepożita l-kera l-Qorti, pero' meta marret tivverifika, qalulha li ma kien poġġa xejn.

Skont l-attriċi, il-konvenut Bastjan Muscat kellu l-kontroll taż-żewġ fondi.

37. L-attriċi xehdet li kellha u għad għandha relazzjoni mal-konvenut assenti Joseph Muscat, li kien għadu jmur jaraha meta

[17] Seduta numru 10

jiġi Malta. Qalet li dan kien qallha li l-konvenut Bastjan Muscat kien offra lil ibnu ħlas ta' LM20,000 għalih (għal Joseph Muscat) u ħlas ta' LM2,000 lill-konvenuta Grace Borg biex jakkwista sehemhom mill-wirt ta' Mikiel Muscat.

38. L-attriċi żiedet tgħid li, wara li miet żewġha, kienet marret mal-konvenuti John, Grace u Bastjan, għand l-avukat Ian Refalo, biex tgħidilhom xi trid mill-wirt ta' żewġha / missierhom, u hi qaltilhom li riedet kulma kien tagħha.

Hija ppreżentat kopja tal-affidavit[18] li, fix-xhieda preċedenti tagħha[19], qalet li għamlet taħt pressjoni, u bil-biżgħa, mill-konvenut Bastjan Muscat, pero' meta nqara lilha fis-seduta quddiem l-esponenti, din iddikjarat bil-ġurament tagħha li l-konvenut tiegħu huwa s-sewwa, u jikkorrispondi għal dak li ġara.

39. Fl-udjenza sussegwenti[20], l-**attriċi Maria Muscat** kompliet tixhed li Dr. Hyzler kien qallha li tal-ewwel sena kirja tas-sala kien ħallas LM2,000 għaliex kien dam jinnegozja ma' Bastjan Muscat, daqqa biex jixtri s-sala u daqqa biex jikriha.

Dwar il-kirja tal-fond 6, Noqra Lane, Birzebbugia, l-attriċi xehdet li kienet kellmet lill-inkwilina Mary Bonnici gimagħtejn qabel biex tgħidilha li l-kera kien ogħla. Skont l-attriċi, din l-inkwilina ġieli offritilha ħlas, pero' hi dejjem irrifjutatu u l-inkwilina qaltilha li kienet qed tiddepożitah il-Qorti.

Dwar il-ħanut fi Triq San Bastjan, Qormi, l-attriċi qalet li taf li kien jinkera lil ċertu David Vella bil-kera ta' LM6 kuljum, għaliex kienet kellmitu lil dan l-inkwilin. Qalet li taf li kien hemm ħaddieħor ukoll fil-ħanut, fosthom Freddie Bonnici u Marlon Mifsud, pero' ma' dawn qatt ma tkellmet, u ma tafx jekk il-kera

[18] Dok. 'MM2' preżentat fis-seduta numru 10 miżmuma quddiem l-esponenti fl-24 t'Ottubru 2011
[19] Seduta miżmuma fis-26 ta' Novembru 2008 quddiem il-Perit Legali Dr. Francesco Depasquale
[20] Ara verbal tas-seduta numru 11 miżmuma fit-23 ta' Novembru 2011

kienx inbidel. Skont hi, il-kirjiet baqgħu għaddejjin minn tlieta sa erba' snin, għalkemm ma ftakritx meta kien dan, u meta spiċċaw.

40. Dwar l-aħħar żmenijiet ta' żewġha, l-attriċi qalet li kienu ħaduh l-isptar Grace Borg u żewġha fil-15 ta' Marzu 1998, u kien għadu f'sensih. Fl-20 ta' Marzu 1998, waqt li kienet hemm hi, żewġha kien f'koma mill-ġurnata ta' qabel, pero' f'nofsinhar kienet marret il-konvenuta Grace Borg u talbitha toħroġ għaliex ried jagħmel testment, u ma ridetx li l-attriċi tkun preżenti. Reġgħet daħlet x'ħin ġie n-Nutar u semgħethom jippruvaw iqajmu lil żewġha biex jgħarrfuh b'dan.

41. L-attriċi kompliet tixhed fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2012[21].

Hija ppreżentat skeda[22] bil-kitba tagħha bid-dati li fihom suppost li l-konvenuti rċevew il-kera tal-ħanut fi Triq San Bastjan, li kien mikri lil Martin Cachia. L-attriċi ddikjarat li ma tafx jekk din il-kera attwalment tħallsitx, għalkemm qieset li baqgħet titħallas kif kienet.

Fuq domanda tal-esponenti, l-attriċi ppreċiżat li fid-dati ndikati minnha fuq din l-iskeda dan il-ħanut kien magħluq. Il-ħanut baqa' kontinwament magħluq wara li l-avukat Anglu Farrugia kiteb l-ittra esebita bħala 'Dok. MM1'.

Bl-istess mod, l-attriċi ppreżentat skeda[23] tal-kera li suppost daħħlu l-konvenuti tas-sala. L-istess bħall-ħanut, din baqgħet magħluqa wara l-ittra legali tal-avukat Anglu Farrugia.

42. L-attriċi ddikjarat li l-unika ħlas li rċeviet mingħand il-konvenut Bastjan Muscat kien tahulha 20 ġurnata qabel l-10 t'April 1998. L-ammont kien ta' LM210 u dan kien il-kera tal-

[21] Ara verbal tas-seduta numru 13 quddiem l-esponenti
[22] Dok. 'X'
[23] Dok. 'Y'

ħanut fi Triq San Bastjan, Qormi, li żewġha kien jgħidilha li kien jogħla kull 5 snin skont l-għoli tal-ħajja.

Dwar kif taf fuq l-inkwilini tal-ħanut, u x'kera kienu qed iħallsu, l-attriċi qalet li hija qatt ma resqet 'l hemm, u li kien qallha l-konvenut Bastjan Muscat stess meta krieh aktar minn ħames snin wara l-mewt tar-raġel. Pero' hi qatt ma kellha kopja tal-kuntratt tal-kiri. L-attriċi żiedet tgħid li hi għandha oħtha toqgħod Ħal-Qormi, wara l-għassa, u kienet tmur tittawwal il-ħanut darbtejn jew tlieta fix-xahar. Kien hemm żmien meta kienet tarah miftuħ pero' ma tiftakarx f'liema żmien.

Qalet li wara David Vella, kien krieh Freddie Bonnici li kienet taf lil missieru. Skont nota tagħha[24], dan ġara fl-2005, għalkemm ma ftakritx minn fejn ġabet dan it-tagħrif. Bl-istess mod, qalet li ma tafx min kien Marlon Mifsud li tgħid li krieh wara Bonnici. Qalet li kienet tistaqsi lin-nies tat-triq biex jgħidulha min krieh, pero' ma ftakritx minn qallha b'Mifsud. Qalet li fil-ħanut ma kinetx tidħol. Hija ppreżentat ukoll nota oħra tagħha fir-rigward.[25]

43. In kontro-eżami[26], l-attriċi ddikjarat li hija ma kinetx preżenti meta żewġha għamel it-testment tal-15 ta' Marzu 1998. Hija tenniet li l-konvenuti Grace Borg u John Muscat kienu ħadu lin-Nutar Vassallo Agius ħdejn missierhom biex jagħmel testment ieħor dakinhar stess li miet, fl-20 ta' Marzu 1998, pero' ma kienx f'sensih u ma sar xejn.

44. Meta reġgħet produċiet lill-**konvenut Bastjan Muscat** b'xhud tagħha[27], dan ġie mitlub jippreżenta r-reġistru li ngħad li jżomm dwar l-amministrazzjoni tal-ġid ta' missieru, pero' hu wieġeb li la għandu reġistru u lanqas l-amministrazzjoni.

---

[24] Dok. 'Z'
[25] Dok. 'W'
[26] Ara verbal tas-seduta numru 24 miżmuma fl-20 ta' Ottubru 2015 quddiem l-esponenti
[27] Ara verbal tas-seduta numru 16 miżmuma fit-22 ta' Mejju 2013 quddiem l-esponenti

L-esponenti fakkritu fl-obbligu li assuma fis-seduta miżmuma quddiemha fil-25 ta' Jannar 2011, li jagħti tagħrif dwar (a) l-ammont li rċieva mingħand Dr. Hyzler u (b) l-ammont li ħallas biex akkwista l-kirja ta' Martin Cachia. Il-konvenuta reġa' wiegħed li jipproduċi din l-informazzjoni.

Fuq domanda tal-esponenti, ix-xhud qal li, barra dawn, huwa ma rċieva ebda ħlas ieħor tal-wirt ta' missieru.

Huwa ċaħad li ġabar flus mingħand Freddie Bonnici, Marlon Mifsud, David Vella jew Martin Cachia dwar il-kirja tal-ħanut tax-xorb ta' missieru. Huwa ċaħad li Marlon Mifsud u David Vella kienu inkwilini, għalkemm ikkonferma li, flimkien ma' Julian Bonnici (iben Freddie Bonnici), kienu fi prorjetajiet ta' missieru.

45. L-attriċi ppreżentat għaxar ċedoli ta' depożitu[28] li għamlet bejn is-sena 2001 u s-sena 2013 dwar il-fond f'Birzebbugia.

46. Il-konvenut Bastjan Muscat xehed minn jeddu fis-seduta tal-4 ta' Diċembru 2015, u ppreżenta sett ritratti li ddikjara li ha huwa stess tas-sala u l-ħanut ta' missieru fi Triq San Bastjan, Ħal-Qormi, u li juru l-istat ħażin li kienu fih meta tah iċ-ċwievet Dr. George Hyzler.[29]

47. In kontro-eżami[30], il-konvenut Bastjan Muscat qal li, minkejja li l-ħanut u s-sala rċevihom fi stat ħażin mingħand Dr. Hyzler, huwa ma fittixx lll-inkwilin bil-Qorti, għaliex dan kien tah xi flus biex jagħmlu tajjeb għall-ħsara. Qal li l-ħsara kienet tremenda, u l-ħlas li rċieva kien ta' LM1,000 żgur. Minn dawn il-flus, qal li ma qassam xejn.

---

[28] Doki. 'X1' sa 'X10'
[29] Ara Dok. 'X1' sa 'X10' esebiti fis-seduta numru 26 quddiem l-esponenti
[30] Ara verbal tas-seduta numru 27 miżmuma quddiem l-esponenti fit-3 ta' Mejju 2016

Il-konvenut Bastjan Muscat kompla jgħid li lill-attriċi darba għaddielha l-ħlas ta' xahar kera ta' Martin Cachia, u dan kien immedjatament kif miet missieru. Il-kera ta' Martin Cachia kienet LM720 fis-sena. Cachia telaq wara li ma ħallasx kera, u mbagħad daħal ħaddieħor fil-post, li kien jikri mingħand Cachia, u wara daħal Dr. George Hyzler.

Ix-xhud ħalef li ma daħħal xejn aktar minn dan il-post, jew minn postijiet oħra, u li ma kienx jamministra hu.

Mistoqsi mill-esponenti xi flus irċieva mingħand Dr. Hyzler, Bastjan Muscat iddikjara li rċieva l-LM1,000 tal-ħsara u xejn aktar.

Mistoqsi mill-esponenti x'ħallas lil Martin Cachia biex akkwista l-kirja tiegħu, wieġeb li ma kellux idea, li ma ħallas xejn.

48. Meta kompla jiġi kontro-eżaminat quddiem din il-Qorti[31], u fuq domanda tal-Qorti, Bastjan Muscat iddikjara li ma kellux informazzjoni dwar flus li ġabar, u li l-uniċi flus li ġabar kienu jkopru l-ispejjeż tal-ħsarat li tħallew fil-fondi ritornati. Huwa ċaħad li daħħal xi flus li riedu jieħdu ħutu, u ħadhom hu.

49. Dwar il-konvenut Joseph Muscat, l-attriċi ddikjarat li għadha f'kuntatt miegħu, u li jżurha d-dar meta jiġi Malta, is-soltu fix-xahar ta' Novembru, biex imorru flimkien fuq il-qabar ta' missieru.[32] Sa fejn taf hi, huwa jabita ma' terzi fil-Mosta meta jkun hawn. Fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2016, l-attriċi ddikjarat li f'dik is-sena Joseph Muscat ma marx għandha.

L-attriċi għaddiet indirizz postali, u numri tat-telefon fiss, fejn seta' jiġi kkuntattjat il-konvenut Joseph Muscat, pero' l-kuratur

[31] Ara xhieda fl-udjenza tal-10 ta' Ġunju 2016
[32] Ara xhieda tal-attriċi fis-seduta numru 29 miżmuma quddiem l-esponenti

Dr. Vince Galea ddikjara li ma rċieva ebda risposta jew tagħrif mingħandu.

**KUNSIDERAZZJONJIET LEGALI**

Illi kif sewwa rrilevat il-pert legali, l-azzjoni odjerna tirrigwardja talba biex l-attriċi titlob il-ħlas tas-sehem riservat tagħha ossija l-użufrutt ta' nofs il-ġid ta' żewġha mejjet skont kif kien jipprovdi l-artikolu 631 tal-Kodiċi Ċivili qabel l-emendi tal-2004 fir-rigward. Dan għaliex l-imsemmija żewġ l-attriċi miet fl-1998 u allura qabel dawk l-emendi ġew introdotti u ġew fis-seħħ. Qabel ma tidħol fil-mertu l-Qorti se tittratta l-eċċezzjonijiet preliminari.

Lilli l-ewwel eċċezzjoni hija dik tan-nullita' għaliex l-attriċi naqset milli tindika liema artikolu tal-liġi kienet qed tibbaża l-azzjoni tagħha. Dwar dan għandu jingħad mill-ewwel li l-liġi ma timponix fuq l-attur l-obbligu li jindika l-artikolu tal-liġi in kwistjoni iżda biss li l-att promotur ikun fih tifsira ċara tat-talba li jkun qed jagħmel.

Illi kif sewwa rrelatat il-perit legali, tant hija ċara t-talba attriċi li l-konvenuti taw l-eċċezzjonijiet tagħhom kollha fir-rigward, liema eċċezzjonijiet huma rilevanti għat-talba skont l-artikolu 631 imsemmi. Għalhekk l-eċċezzjoni mhijiex fondata.

It-tieni eċċezzjoni hija li l-attriċi kellha ġġib prova li kienet ħallset it-taxxa tas-suċċessjoni iżda anke hawn tajjeb irrelatat il-perit legali li skont il-Kap. 364 ma kien hemm taxxa x'titħallas. Kwindi l-ecċċżzjoni hija ukoll infondata. Kwantu għall-eċċezzjoni li l-attriċi mhijiex denja li tirċievi l-użufrutt il-konvenuti (artikolu 605 tal-Kap. 16) li kienu qed jagħmlu din l-allegazzjoni, naqsu li jġibu prova; u li kif jgħid tal-artikolu 562 tal-Kodiċi tal-Proċedura li min jallega jrid jipprova – *"Onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negat"* – u kif ġie ripetut diversi drabi f'diversi sentenzi (ara per eżempju **"Dr H. Lenicker vs J. Camilleri"**, Prim Awla 31 ta'

Mejju 1972 u **"Peter Paul Aquilina vs Paul Vella"**,, Appell Inferjuri, 2 ta' Mejju 1995).

It-tielet eċċezzjoni hija li l-attriċi kellha qabel xejn tagħmel inventarju tal-beni in kwistjoni skont l-artikoli 350 u 351 tal-Kodiċi Ċivili; madankollu l-attriċi qed titlob li tingħata l-pussess b'din il-kawża, għaliex kif jidher mill-provi, il-beni għadhom fil-pussess tal-konvenuti. L-iskop tal-inventarju huwa biex jiġi assikurat ir-ritorn tal-beni fi tmiem tal-użufrutt u allura illi n-nudi propjetarji jkunu jafu l-entita' tal-beni. F'dan il-każ, l-entita' se tkun magħrufa permezz ta' din is-sentenza u allura l-eċċezzjoni hija wkoll infondata.

Finalment il-konvenuti eċċepew l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali skont l-artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16; iżda kif ġie msemmi fir-rapport, il-konvenut Bastjan Muscat xehed fis-seduta numru 27 ili huwa kien għadda xi ħlasijiet lill-attriċi u allura b'dan il-mod irrikonoxxa d-dejn.

MERTU
Illi kwantu għall-mertu l-Qorti se tagħmel referenza għar-rapport peritali għaliex taqbel miegħu għal kollox u jirrifletti l-kwistjoni bejn il-partijiet perfettament;

Fil-mertu, dawn il-konvenuti eċċepew li ma rċevew ebda ħlas ta' frottijiet, jew irċevew biss ħlasijiet minimi; u wkoll li, f'kull każ, l-użufrutt kompetenti lill-attriċi għandu jiġi limitat għall-kwota ta' kwart indiviż ($^1/_4$) mill-mobbli u l-immobbli li akkwista l-mejjet Michele Muscat fiż-żwieġ tiegħu mal-ewwel mara, bl-esklużjoni tal-immobbli mħollija b'legati favur Maria Victoria Borg u Christian Samuel Borg bit-testment tiegħu fl-atti tan-Nutar Joseph Vassallo Agius tal-15 ta' Marzu 1998.

83. Għalkemm il-konvenuti Bastjan Muscat u Maria Grazzia Borg irriservaw li jsejħu lill-imsemmija legatarji fil-kawża, din it-talba baqgħu ma ressquhiex.

84. Kwantu għall-mertu, l-esponenti tħoss li għandha tikkummenta li l-provi mressqa mill-partijiet kollha f'din il-kawża kienu skarsi, u f'diversi okkażjonijiet, naqsu li jressqu l-aħjar prova.

Hekk per eżempju, l-esponenti baqgħet sprovvista mir-riċerki testamentarji ta' Mikiel Muscat, għalkemm ma jidhirx li huwa kontestat bejn il-partijiet li s-suċċessjoni tiegħu tinsab regolata bit-testment tiegħu, esebit fl-atti proċesswali, pubblikat min-Nutar Vassallo Agius fil-15 ta' Marzu 1998.

Bl-istess mod, għalkemm il-partijiet fix-xhieda tagħhom irreferew għall-proprjetajiet immobbli li ħalla Mikiel Muscat f'Ħal-Qormi, u f'Birzebbugia, ma tressqet ebda fehma teknika ta' perit arkitett dwar l-istat u l-kundizzjoni tagħhom, u l-valur relattiv, inkluż il-valur lokatizju. Anke dwar it-titolu ta' Mikiel Muscat fuq dawn il-proprjetajiet li ssemmew, għalkemm jingħad mill-konvenuti li kien xtrahom fiż-żwieġ tiegħu ma' ommhom, dawn naqsu li jressqu l-aħjar prova ta' dan it-titolu li kellu, permezz tar-riċerki appożiti fir-Reġistru Pubbliku. Jidher ukoll – u dan in-nuqqas huwa tassew ironiku fid-dawl tat-tieni eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti Bastjan Muscat u Maria Grazzia Borg – li l-konvenuti werrieta *ab intestato* ta' missierhom sal-lum naqsu li jiddikjaraw din it-trasmissjoni *causa mortis* favur tagħhom, u jħallsu t-taxxa dovuta.

85. Il-kwistjonijiet legali li għandhom jiġu kkunsidrati fil-mertu huma għalhekk is-segwenti:

(i) jekk il-beni immobbli msemmija mill-attriċi għandhomx bħala soġġetti – nofshom – għall-użufrutt favur tagħha;

(ii) jekk filfatt dawn il-ħwejjeġ ħallewx frottijiet, u jekk iva, jiġi kalkulat il-ħlas dovut lill-attriċi.

86. Kien jinkombi fuq il-konvenuti li jippruvaw li l-ġid li ħalla Mikiel Muscat fid-data ta' mewtu ma kienx kollu tiegħu, u li allura kien nofsu tagħhom wara li wirtuh mingħand ommhom, li kellu dak is-sehem minħabba li l-akkwisti saru fil-komunjoni tal-akkwisti. Din il-prova pero' ma tressqitx, u allura d-difiża tal-konvenuti f'dak ir-rigward ma tistax tirnexxi.

87. Għall-kuntrarju, fil-kors tas-smigħ tal-provi, kien hemm konverġenza bejn il-kontendenti li l-ġid immobbli tiegħu kien jikkonsisti fis-segwenti:

(a) fond magħruf bħala t-'Torri', bl-indirizz 6, Noqra Lane, Birzebbugia;

(b) ħanut u sala fuqu fi Triq San Bastjan, Qormi;

(c) dar fi Triq San Bartilmew, Qormi, fi stat ta' abbandun.

88. Fix-xhieda li taw, il-kontendenti qablu bejniethom li d-dar fi Triq San Bartilmew ma setgħetx tinkera għaliex mhix abitabbli, u lanqas qatt kienet abitata wara l-mewt ta' Mikiel Muscat.

89. Il-kwistjoni prinċipali tirrigwardja ż-żewġ fondi l-oħra, ta' Birzebbugia li l-partijiet qablu li hu mikri b'kera baxx (illum awmentat b'effett tal-emendi fil-liġijiet tal-kiri wara l-Att X tal-2009), u l-fond kummerċjali ta' Triq San Bastjan li kien jinkera, b'mod separat, kemm fuq kemm isfel, u li l-kontendenti ma jaqblux dwar meta kienu jinkrew u x'kera ġie perċepit minnhom.

90. Mill-kumpless tal-provi, u partikolarment tad-diversi xhieda mogħtija in eżami u in kontro-eżami mill-attriċi u mill-konvenut Bastjan Muscat, fid-dawl ta' dak li xehdu l-konvenuti l-oħra Maria

Grazzia Borg u John Muscat, l-esponenti tasal għall-konklużjoni li, aktar iva milli le, wara l-mewt ta' Mikiel Muscat, il-konvenut Bastjan Muscat ħa f'idejh it-tmexxija tal-ġid ta' missieru, u baqa' jikri dak li seta' minnu, in parti b'kontinwazzjoni tal-kiri li diġa' kien ta qabel miet Mikiel Muscat – fosthom tal-fond f'Birzebbugia – u in parti b'kirjiet ġodda li ta Bastjan Muscat bil-konoxxenza, jew l-akkwijixxenza, tal-bqija tal-konvenuti.

Irid jingħad li l-esponenti ma temminx id-dikjarazzjonijiet ta' Bastjan Muscat li mingħand Dr. George Hyzler irċieva biss ħlas tal-ispejjeż, u li l-ħanut tax-xorb fi Triq San Bastjan, ma kienx qed jikrih wara l-mewt ta' missieru. L-esponenti waslet għal din il-konklużjoni fid-dawl tal-kuntradizzjonijiet kbar fix-xhieda li dan il-konvenut ta, quddiem l-ewwel Perit Legali, quddiem l-esponenti u quddiem il-Qorti, u fid-dawl ukoll tal-ammissjoni fl-eċċezzjonijiet tiegħu li kien irċieva xi kera. L-esponenti tkompli ssaħħaħ din il-konklużjoni tagħha bil-mod kif il-konvenut John Muscat iddistakka ruħu kompletament minn ħuh Bastjan Muscat l-ewwel darba li xehed, tant li ta l-impressjoni li anke hu ħassu tradut minnu, u mbagħad bidel it-ton u l-verżjoni tal-fatti b'mod sħiħ fil-kontro-eżami biex ġie jiġbed il-ħabel tal-konvenut Bastjan Muscat.

91. Biex tagħmel tajjeb għan-nuqqas tagħha li tressaq b'xhieda lill-inkwilini tal-fondi li ħalla żewġha, f'Birzebbugia u f'Ħal-Qormi, l-attriċi ppreżentat skeda ta' ħlasijiet li ddikjarat li taf li rċieva l-konvenut Bastjan Muscat mingħand l-inkwilin tal-ħanut tax-xorb f'Ħal-Qormi bejn is-sena 1998 u s-sena 2002 (b'kollox LM3,780 [**€8,805.03**], li minnhom lahaq għaddielha s-somma ta' LM210 [**€489.17**]), u wkoll skeda oħra bil-kera li kienet titħallas kieku l-ħanut baqa' jinkera.[33]

L-esponenti jidhrilha li l-kontenut tat-tieni parti ta' din l-iskeda huwa inammissibbli billi l-informazzjoni kontenuta fih mhix tagħrif

[33] Dok. 'X'

ta' fatt, u n-natura tiegħu hija ipotetika. L-attriċi ma jirriżultax li pprosegwiet ġudizzjarjament biex dan il-fond jinkera, u allura l-ammissjoni tagħha li ma kienx qed jinkera wara s-sena 2002 toqtol il-pretensjoni tagħha għall-ħlas tal-frottijiet fir-rigward ta' dan il-fond wara dik id-data.

92. Kwantu għall-kera tal-fond f'Birzebbugia, l-attriċi ppreżentat diversi ċedoli ta' depożitu li saru mill-inkwilina ta' dan il-fond fir-Reġistru tal-Qorti Ċivili, li minnhom jirriżulta li tul is-snin l-inkwilina baqgħet toffri u tiddepożita l-kera baxx li kien dovut minnha qabel daħlu fis-seħħ l-emendi bl-Att X tal-2009. Il-konvenuti ma tawx spjegazzjoni ċara u kredibbli tar-raġunijiet għaliex fl-2001 iddeċidew li jirrifjutaw il-ħlas tal-kera, u x'passi ħadu kontra l-inkwilina biex jissalvagwardjaw l-interessi tagħhom.

L-esponenti fehmet li l-konvenuti kienu komdi ma jirċevux il-kera mingħand din l-inkwilina tal-fond f'Birzebbugia, għaliex b'hekk ma jesponux ruħhom – u forsi jkollhom skuża – għaliex ma jaqsmux din il-kera baxxa mal-attriċi. Jibqa' l-fatt pero' li, tul dawn is-snin, dan il-fond ta l-frottijiet, u l-konvenuti huma obbligati jħallsu lill-attriċi nofs il-kera perċepibbli skont il-liġi mingħand Mary Bonnici.

Dawn il-frottijiet ammontaw għal €512.46 sal-2009, €555 bejn l-2010 u l-2012, €592.74 bejn l-2013 u l-2015, €609.42 bejn l-2016 u l-2018, b'kollox **€2,269.62**.

93. Dwar il-kirja tas-sala, l-esponenti tqis bħala veritiera l-ewwel xhieda li ta l-konvenut John Muscat, imressaq mill-attriċi b'xhud tagħha, fi stadju bikri tal-kawża, meta qal li kien preżenti meta saret il-kirja lil Dr. George Hyzler, li l-kiri kien għal 3 jew erba' snin, bil-kera ta' LM4 kuljum, u li quddiemu l-konvenut Bastjan Muscat irċieva ħlas f'kontanti ta' LM2,000. Dawn il-fatti jattaljaw mad-dikjarazzjoni tal-attriċi li, sa fejn taf hi, il-konvenut Bastjan Muscat kien irċieva l-ħlas ta' LM5,000 [**€11,647**] b'kera ta' dan il-fond.

L-esponenti ma tqisx bħala kredibbli l-kwalifika ta' Bastjan Muscat li l-ħlasijiet li rċieva kienu għall-ispejjeż tal-ħsarat li tħallew fil-post. Kieku dan kien il-każ, kien fl-interess tal-istess Bastjan Muscat li jirrediġi l-ftehim appożitu, u b'hekk jipprova mingħajr diffikulta' l-kawżali tal-ħlas. Dan pero' ma għamlux, jew ma ppruvax f'din il-kawża li għamlu.

Il-Qorti kif ingħad, taqbel mal-argumenti u konklużjonijiet tal-perit legali u għalhekk se tadotta dawn il-konklużjonijiet.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, b'dan illi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba attriċi;**

2. **Tilqa' t-tieni talba attriċi u tiddikjara li l-ġid soġġett għall-użufrutt mitlub mill-attriċi huwa mal-fond jismu Torri, 6 Noqra Lane, Birzebbugia; ħanut u sala fi Triq San Bastjan, Qormi; dar fi Triq San Bartilmew, Qormi;**

3. **Tiddikjara li l-attriċi rċeviet biss is-somma ta' €489.17 (erba' mija u disgħa u tmenin Ewro) akkont ta' sehemha u għall-kumplament tilqa t-tielet talba;**

4. **Tilqa' r-raba' talba;**

5. **Tilqa' l-ħames talba;**

6. **Tilqa' wkoll is-sitt talba, u wara li naqqset is-somma ndikata fit-tielet talba, il-Qorti tordna lill-konvenuti jħallsu lill-attriċi s-somma ta' €10,871.66 (għaxart elef, tmien mija u wieħed u sebgħin Ewro u sitta u sittin ċenteżmu);**

**Bl-ispejjeż kif mitluba u imgħaxijiet legali b'effett millum kontra l-istess konvenuti.**

**Moqrija.**

**Joseph Azzopardi**
**S.T.O. Prim Imħallef**

**Mario Debono**
**Deputat Reġistratur**